MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 450/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christian Scerri u l-istess Christian Scerri (ID 101065M).**
**vs**

**Domenic Micallef (ID 524957M) u Mary Rose sive Rose Marie Caruana (ID 481264M).**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-13 ta' Lulju, 2002 gewwa Valletta Road, Rabat, fil-vicinanzi ta' l-istabbiliment maghruf bhala Tattingers, waqt li l-attur Christian Scerri kien qed isuq il-vettura numru CBB-017, liema incident gara minhabba li tpogga xi likwidu fit-triq

mill-konvenuti jew minn minnhom, bir-rizultat li waqt li Christian Scerri kien ghaddej regolarment bil-vettura tieghu, huwa tilef il-kontroll ta' din il-vettura minhabba zlieq li kien hemm fit-triq konsegwenza ta' dan il-likwidu u habat u ikkaguna hsarat kbar fil-vettura tieghu.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elf, tmien mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm1,856.00) jew somma ohra verjuri u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm1,831.00 lis-socjeta assikurattrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attur Christian Scerri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittri ufficjali rispettivi.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-konsult (Lm14.00) ta' zewg ittri ufficjali datati 30 ta' Settembru, 2002 u 17 ta' Mejju, 2004, kontra l-istess konvenuti li jibqaw minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra wkoll in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konveunti:

L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament htija tal-attur Christian Scerri u mhux tort tal-eccipjenti.

It-tieni talba attrici ghandha tkun michuda billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favur taghhom. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, jinkombi lill-atturi l-oneru tal-prova tad-danni pretizi minnhom skond il-ligi.

Isegwi li anke t-tielet talba tal-atturi ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjenti m'ghandhomx ikunu kundannati jhallsu danni lill-atturi.

Salv ecezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa incident li sehh fin-nizal tas-Saqqajja, ir-Rabat fl-inkrocju bejn it-triq li taghti lejn il-Mosta, Mgarr u San Pawl il-Bahar, dik li taghti ghas-Siggiewi u dik li taghti ghal-Attard u l-Belt Valletta. Il-vettura in kwistjoni baqghet diehla go hajt baxx u spiccat imdendla ma xifer wara li s-sewwieq tilef il-kontroll taghha allegatament minhabba zliq kawzat minn ilma tal-hasil hiereg mill-istabiliment Tatingers li jinsab ftit 'l fuq minn fejn sehh l-incident. Il-vettura, li kienet assikurata mas-socjeta' attrici, kienet dikjarata *beyond ecominc repair* u ghalhekk din hallset lill-assikurat l-valur assikurat tal-istess vettura;

Is-sewwieq tal-vettura, u allura ukoll wiehed mill-atturi, xehed illi ghal-habta tas-7.15 am kien qed isuq mir-Rabat dirett lejn Attard u f'dak il-hin niezel in-nizla tas-Saqqajja meta fuq il-lemin, it-telgha li gejja mis-Siggiewi, ra vettura ta' lewn ahmar li haseb li kienet hierga fi triqtu u bhala prekawzjoni kiser l-*isteering* ghal fuq ix-xellug waqt speed ta' bejn 40 u 60 kilometru fis-siegha izda l-vettura tieghu marret fid-direzzjoni opposta. Minkejja li ttenta jieqaf bil-*brake* u jikser lejn ix-xellug, il-vettura daritlu erba darbiet u spiccat fis-sigar u fl-ghalqa ta' faccata. Wara l-incident, hu u missieru innutaw li kien hemm xi likwidu fit-triq gej minn taht il-bankina tal-istabilment Tatingers u ghalhekk cemplu lill-Pulizija. Qabel l-incident ma ra ebda likwidu fit-triq. Il-Pulizija kellmu lill-persuna li ftit qabel kienet haslet it-tarag tal-istabbilment imsemmi bl-ilma u dizeffetant izda mhux b'sapun jew detergent u ghal dan uzat xi barmil jew tnejn ilma izda dan kien xi tlett kwarti qabel ma gew ikellmuha l-Pulizija. Dawn kienu erba turgien u kullma ghamlet kien li xkupat ftit ilma fuq eskriment ta' annimal. Is-Surgent li investiga l-kaz jghid li ma kien hemm ebda riha ta' diesel jew petrol fil-likwidu li kkonferma li kien hiereg mill-istabiliment u sab lil persuna tahsel it-tarag u ra li kien hemm hafna ilma hiereg li jibqa niezel madwar mitejn metru ghan-nizla. Il-vettura spiccat mdendla fl-ghalqa cirka mitt metru minn fejn kien hiereg l-ilma. Il-likwidu kien johrog sa kwart tat-triq li hija wiesgha appena

bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi.  Fattur importanti johrog mix-xhieda tal-kuntistabbli li kien qed jakkumpanja lis-surgent meta jghid li "l-ilma zamm on the left hand side of the road" (fol 32).  Dan l-incident sehh fl-Lulju.

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta bhala fatt illi f'nofs ta' Lulju, part minn din it-triq kienet imxarrba minhabba ilma hiereg mill-istabiliment Tattingers peress illi kien qed isir xoghol ta' hasil fuq barra.  Dan l-ilma baqa' nizel max-xellug tat-triq u ma kienx fi kwantita' zghira ta' barmil jew tnejn izda hafna aktar u mhux skond kif jghid minn kien qed jahsel ghaliex is-surgent u l-kuntistabbli li accedew wara l-incident setghu jikkonstataw vizwalment.  Minkejja dan, il-Qorti ma inghatat ebda raguni legalment sostenibbli ghaliex ghandu jwiegeb sid l-istabiiment u l-persuna li kienet qed tahsel u tefghet dan l-ilma u dan meta tqis li l-vettura in kwistjoni tilfet l-kontroll kompletament u daret ghal ebda darbiet, hakket ma sigra u minkejja dan faqghet cint u spiccat imdendla f'ghalqa.  Dan hu biss indikattiv ta' speed 'l hinn minn dan adegwat ghall-inhawi.  Mill-provi akkwiziti, ma kien rappurtat ebda incident iehor, la qabel u anqas wara dan in dizamina u jidher li s-sewwieq inhasad malli ra l-vettura l-hamra hierga minn fuq il-lemin f'parti tat-triq notorja ghall-incidenti simili.  Kif assodat fil-guridprudenza, s-sewwieq ghandu zjomm *a proper lookout* ghal dak kollu li qed jigri fit-triq u minkejja dan, is-sewwieq ko-attur, jghid li qatt ma ra likwidi fit-triq qabel l-incident u issa li huwa stabbilit li kien hemm likwidu li jghatti kwart tat-triq mill-bankina u jibqa' sejjer sa mitejn metru ifisser biss li s-sewwieq ma kienx qieghed izomm dik l-*proper lookout* spettanti minnu.  Fil-kawza **Lawrence Pavia noe et vs Carmen Borg PA 11.10.2002** , u dan per ezemplari in materja, il-Qorti irriteniet illi ma kienet ta' ebda difiza lill-konvenuta li ppruvat li skiddjat fuq diesel fuq it-triq li kien mghotti minn assorbent konsistenti f'xahx (trab tal-gebel) u dan ghaliex kien jinkombi fuqha li zzomm a *proper lookout* ta' dak kollu li hu in *plain view*.  U fil-kaz odjern hija ukoll il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi s-sewwieq attur ma kienx ha konjizzjoni tal-ilma fit-triq sabiex b'hekk ikun jista' jiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex jevita

incident li fil-fatt sehh meta harget vettura minn fuq il-lemin tieghu, inhasad u meta ghamel l-manuvra evaziva, l-vettura tieghu tilfet il-kontroll, u daret erba darbiet kif fuq spjegat.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------